# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 44**

**Avviz numru 294/01/SM**

**Kunsill Lokali Marsaskala**

**vs**

**Joseph Salerno**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 t'April tas-sena 2001 li permezz tieghu l-Kunsill Lokali attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas is-somma ta' tlett mija u disgha u sebghin lira u tmienja u disghin centezmu (LM379.98,0), jew somma verjuri, rapprezentanti somma mhallsa lilu indebitament mill-Kunisll attur, liema somma hu ma kienx intitolat ghaliha u li hu obbligat jirrifondi;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-28 ta' Novembru 2000, u bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-prezenti sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-21 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi in linea preliminari l-azzjoni attrici hija parenta ai termini tal-Art. 1027 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, il-Kunsill attur ghandu jgib prova tal-ammont li allegatament thallas indebitament lill-eccipjent;**

3. **Fi kwalunkwe kaz it-talba attrici ghandha tkun respinta stante li l-eccipjent ma rcieva ebda flus indebitament u kien in buona fede fir-rigward ta' kull ammont li huwa rcieva;**

4. **Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;**

**Rat il-verbal datat il-11 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz tieghu il-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenut fuq il-ewwel eccezzjoni preliminari;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet rigwardanti l-ewwel eccezzjoni preliminari;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari tirrigwarda l-artikolu 1027 tal-Kap 16 li jghid testwalment hekk:**

> **"L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun inghata minghajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqghet bil-preskrizzjoni…taqa' bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn minn dak inhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball";**

**Illi ghalhekk fin-nuqqas ta' element li jinterrompi l-perjodu fuq indikat ta' preskrizzjoni dan jaghlaq bl-eghluq ta' sentejn minn meta jinkixef l-izball;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li l-pagament inkriminat hu datat il-31 ta' Marzu ta' l-1997;**

**Illi jirrizulta wkoll, ghalkemm dan hu a bazi ta' dokument fornit mill-istess konvenut, (ara fol 23), datat it-13 ta' Mejju ta' l-1998, li f'din id-data allura "inkixef l-izball" a tenur ta' l-artikolu tal-Kap 16 fuq citat;**

**Illi jirrizulta wkoll li l-ewwel att gudizzjarju li l-kunsill lokali attur ipprezenta fil-konfront tal-konvenut hu datat is-6 t'April tas-sena 2001 – l-avviz promotur tal-procedura odjerna;**

**Illi ghaldaqstant mid-data li din il-qorti jirrizultala li l-kunsill lokali attur kixef l-izball (13.5.98) sad-datat ta' meta ghamel l-ewwel tentattivi gudizjarju skond il-ligi, (6.4.2001), ghaddew aktar minn sentejn;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li takkolji l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut u tiddikjara li l-azzjoni attrici hi perenta ai termini ta' l-artikolu 1027 tal-Kap 16 bl-ispejjez kontra l-kunsill lokali attur.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**